# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 21**

**Ċitazzjoni numru 850/04 AF**

**L-Avukat Dottor Pio M. Valletta**

**v.**

**Rosalie Darmanin**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell prinċipali mressaq mill-konvenuta w appell inċidentali mressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Jannar, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u laqgħet it-

talbiet attriċi billi sabet li l-konvenuta kienet qiegħda żżomm għandha ħwejjeġ ta' valur tal-attur bla ma kellha jedd għalihom, u ordnatilha li jew troddhomlu lura fi żmien xahrejn mis-sentenza jew tħallsu s-somma ta' ħamsin elf euro (€ 50,000) minflok;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur kien talab li l-ewwel Qorti ssib li l-konvenuta qiegħda żżomm għandha effetti personali tiegħu, dawk elenkati u deskritti fil-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 1936/2004 fl-ismijiet *L-Avukat Dottor Pio M Valletta vs. Rosalie Darmanin*, ġewwa fond f'Tas-Sliema, bla ma għandha jedd għalihom; tikkundannaha sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat mill-Qorti troddlu lura l-istess oġġetti; fin-nuqqas li l-konvenuta tagħmel dak mitlub minnha fiż-żmien prefiss, tiffissa valur għall-istess oġġetti; u tikkundannaha tħallas l-ammont likwidat flimkien mal-imgħax fin-nuqqas li tikkonsenjhom kif mitluba mill-Qorti;

3. Għal dik l-azzjoni, il-konvenuta laqgħet billi qalet li kien hemm raġuni biex din il-kawża timxi ma' oħra bejn l-istess partijiet[1], u fil-mertu li l-ħwejjeġ imsemmija fil-Mandat ta' Deskrizzjoni jew kienu diġà jinsabu fil-post meta hi daħlet tgħix fih u dawn kienu aċċessorji għall-istess post li ż-żamma tiegħu hija l-mertu tal-kawża l-oħra msemmija; jew huma ħwejjiġha stess jew ingħatawlha b'rigal mill-attur; jew kienu ħwejjeġ li

[1] Riferenza għall-kawża Nru. 821/04AF fl-ismijiet *Paraggi Holdings Limited vs Rosalie Darmanin et* li mxiet ma' din il-kawża u li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll

nxtraw minnha u mill-attur tul iż-żmien li damu jgħixu flimkien; jew huma ħwejjeġ li hija nnifisha ġabet magħha fil-post meta daħlet tgħix fih;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tat-22 ta' Jannar, 2015, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*1. Il-Qorti tibda biex tinnota illi ghalkemm f'dawk il-proceduri tressqu hafna provi dwar ir-relazzjoni li kellhom bejniethom il-partijiet, ftit ingabu provi dwar il-mertu essenzjali ta' din il-kawza u cioè, l-oggetti ta' proprjetà personali tar-rikorrenti.*

*"2. Il-Qorti tirreferi fir-rigward ghas-sentenza moghtija llum stess rigward il-fond Flat 5, The Penthouse, 44, Amery Street, Sliema fejn it-talbiet f'dawk il-proceduri Nru. 821/04, qed jigu michuda.*

*"3. Mill-provi prodotti jirrizulta illi Rosalie Darmanin dahlet tirrisjedi fil-fond de quo qabel ma beda jirrisjedi fih Dr. Pio Valletta. Ghalhekk il-Qorti qeghda tassumi illi l-istess fond, li Rosalie Darmanin tokkupa fuq titolu ta' kommodant, digà kien jikkontjeni ghamara u attrezzaturi.*

*"4. Fic-cirkostanzi ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax taccetta li kull ma gie elenkat fil-mandat ta' deskrizzjoni 1936/04 huma fil-fatt proprjetà tal-attur.*

*"5. Mill-banda l-ohra, lanqas ma tista' taccetta dak li tallega Rosalie Darmanin li diversi mill-oggetti huma proprjetà taghha jew inghataw lilha b'rigal galadarba ma ngabux provi konvincenti dwar hekk. Lanqas ma tregi l-argument li l-oggetti nxtraw mill-partijiet flimkien meta dawn kienu qed jghixu flimkien ghaliex m'hemmx prova ta' xi akkwist li sar flimkien. Lanqas prova ta' rigali ma tressqet.*

*"6. Il-Qorti ghaldaqstant tqis li dak li l-attur irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi huwa l-proprjetà tal-oggetti li taghhom huwa pprezenta ricevuti. Inoltre, ir-ricevuti kollha huma kollha ntestati lil Dr. Pio Valletta u fin-nuqqas ta' prova kontrarja, huma prezunti li thallsu minnu u huma tieghu u ghall-kuntrarju ta' dak eccepit fil-proceduri ghar-ritorn tal-immobbli, f'dawn il-proceduri ma giex eccepit il-kommodat.*

*"7. Il-Qorti tinnota illi l-prospett esebit mill-attur (fol. 70) b'elenku ta' oggetti li jsostni li jappartjenu lilu qatt ma giet konfermata bil-gurament u ghalhekk il-Qorti ser tikkonsidra biss dawk l-oggetti li dwarhom gew prezentati ricevuti.*

*"8. Premess dan, jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti illi s-segwenti oggetti huma ta' proprjetà tal-attur.*

*"(a) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 74*
*"(b) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 75*
*"(ċ) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 76*
*"(d) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 78*
*"(e) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 80*
*"(f) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 81*
*"(g) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 82*
*"(h) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 83*
*"(i) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 84*
*"(j) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 85*
*"(k) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 86*
*"(l) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 87*
*"(m) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 88*
*"(n) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 89*
*"(o) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 90*
*"(p) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 91*
*"(q) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 92*
*"(r) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 93*
*"(s) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 94*
*"(t) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 95*
*"(u) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 96*
*"(v) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 100*
*"(w) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 101*
*"(x) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 102*
*"(y) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 104*
*"(z) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 105*
*"(aa) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 106*
*"(bb) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 109*
*"(cc) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 110*
*"(dd) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 111*
*"(ee) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 112*
*"(ff) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 113*
*"(gg) L-oggetti elenkati fir-ricevuta a fol. 114.*

*"Ma dawn il-Qorti tinkludi l-kotba kollha relatati mal-professjoni ta' Dr. Valletta.*

*"<u>Valur</u>*

*"Ghalkemm jirrizulta illi gew prezentati ricevuti b'valur approssimattiv ta' ghoxrin elf liri Maltin, (il-Qorti tqis l-ammont approssimattiv ghaliex hafna mir-ricevuti kienu f'munita estera), il-Qorti tqis ukoll illi l-valur tad-diversi oggetti llum m'ghadux dak li kien meta nxtraw. Uhud mill-oggetti jkunu tilfu mill-valur fiz-zmien waqt li ohrajn, bhal oggetti tal-fidda u antikitajiet setghu oghlew fil-valur. Ghalhekk il-Qorti qeghda taddotta valur, arbitrio boni viri, ta' hamsin elf Ewro.*

> *"Il-konvenuta ma gabet ebda prova li dawn l-oggetti, jew uhud minnhom huma taghha jew li hija b'xi mod ippartecipat fil-hlas taghhom. Il-Qorti tinnota illi kollha gew akkwistati minn Dr. Pio Valletta personalment wara li Rosalie Darmanin bdiet tirrisjedi fl-appartament u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala komprizi fl-attrezzaturi tal-istess appartament."*;

5. Illi l-konvenuta appellat mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tal-11 ta' Frar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tibdel is-sentenza appellata, u minflok filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, tiċħad it-talbiet tal-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

6. Illi permezz ta' Risposta tad-9 ta' Marzu, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellat warrab l-aggravji kollha mressqa mill-konvenuta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

7. Illi flimkien mar-risposta tad-9 ta' Marzu, 2015, l-appellat ressaq ukoll Appell Inċidentali, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talab li din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li ssib li l-konvenuta qed iżżomm l-effetti personali tiegħu kif imniżżla u mfissra fil-Mandat ta' Deskrizzjoni bin-numru 1936/2004 fl-ismijiet fuq imsemmija, u wkoll fil-prospett imressaq minnu f'paġna 70 tal-proċess, tikkundannaha biex fiż-żmien qasir u perentorju li din il-Qorti jogħġobha tagħtiha, troddlu tali effetti personali taħt il-piena li ssibha ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u f'każ li l-appellanti tonqos li tgħaddilu l-istess effetti personali fiż-żmien lilha prefiss, tillikwida l-valur ta' l-istess oġġetti, jekk meħtieġ billi

taħtar perit għal dan il-għan; u tikkundannaha għall-ħlas tad-danni jekk kemm-il darba tonqos milli tikkonsenja lill-appellat l-effetti personali tiegħu fiż-żmien lilha prefiss bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuta;

8. Għalkemm il-konvenuta laqgħet in-notifika tal-appell inċidentali waqt is-smigħ tas-7 ta' Jannar, 2020, u dakinhar din il-Qorti tatha żmien biex tressaq Risposta għalih[2], hija naqset li tagħmel dan fiż-żmien mogħti fl-Artikolu 144(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ressqitha biss fis-17 ta' Frar, 2020. Għalhekk, din il-Qorti tordna t-tneħħija mill-atti tal-appell ta' dak l-att imressaq wara ż-żmien;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Deskrizzjoni 1936/04;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġ. 300 tal-proċess

11. Illi din hija kawża sabiex jintradd lura ġid personali li qed jinżamm bla jedd minn min mhux sidu. L-appellat jixli lill-appellanti li baqgħet iżżomm ħwejjeġ mobbli tiegħu bla ebda jedd u li jinsabu fil-fond fejn tgħix u li għal xi żmien kien il-post fejn hu u hi kienu jgħixu flimkien. Huwa talab ir-radd lura tagħhom fiż-żmien mogħti mill-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta troddhom lura, tħallsu l-valur tagħhom. L-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, laqgħet it-talbiet tal-appellat. Iż-żewġ partijiet b'xi mod ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata u appellaw minnha billi l-konvenuta ressqet appell prinċipali u l-appellat ressaq appell inċidentali;

12. Illi l-Qorti sejra tibda billi tqis **l-appell prinċipali**. L-**aggravji fl-appell prinċipali** huma tlieta. L-ewwel, illi l-ewwel Qorti naqset meta sabet li l-konvenuta kienet qiegħda żżomm ħwejjeġ l-appellat bla ma kellha jedd għalihom; it-tieni, kien jaqa' fuq l-appellat li jipprova li l-ħwejjeġ huma tiegħu, u għalhekk ma kienx sewwa li l-ewwel Qorti tefgħet il-piż ta' dik il-prova fuq il-konvenuta; u t-tielet, li l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tadotta s-somma ta' ħamsin elf euro (€ 50,000) bħala valur kemm kienu jiswew il-ħwejjeġ mertu tal-kawża;

13. Illi l-appellat jilqa' għal dawn l-aggravji billi jgħid li l-konvenuta naqset li ġġib prova tajba biżżejjed li tiġġustifika li għandha jedd li tibqa' żżomm il-ħwejjeġ li qiegħed jitlob li jintraddulu;

14. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tqis l-ewwel żewġ aggravji flimkien;

15. Illi taħt l-**ewwel aggravju**, il-konvenuta tilmenta li ladarba fis-sentenza tal-kawża li kienet qiegħda tinstema' ma' din u mogħtija fl-istess jum tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti sabet li l-konvenuta kienet qiegħda żżomm il-post b'titolu ta' kommodat, bl-istess mod dik il-Qorti messha sabet li t-titolu kien jgħodd ukoll għall-ħwejjeġ li kienu jinsabu f'dak il-post għaliex il-post kien mgħammar biex wieħed jista' jgħix fih u dawk il-ħwejjeġ kienu meħtieġa għat-tgawdija ta' dak il-jedd. Ittenni li l-liġi[3] fl-istitut tal-kommodat ma tagħrafx bejn ġid mobbli u ġid immobbli, u għaldaqstant l-ewwel Qorti ma kellhiex tislet distinzjoni bejn il-post u bejn l-oġġetti mertu tal-kawża. Hija ssaħħaħ l-argument tagħha billi tgħid li l-oġġetti li l-appellat qiegħed jitlob li troddlu lura kienu jinstabu fil-fond meta hija daħlet tgħix fih, jew inxtraw bejniethom matul iż-żmien li damu f'relazzjoni jew ingħatawlha bħala rigal, u għaldaqstant l-appellat m'għandu ebda jedd għalihom. Din hija l-qofol tat-tieni eċċezzjoni li hija kienet qajmet fil-bidu tal-kawża u li l-ewwel Qorti ċaħditha fis-sentenza appellata;

[3] Art. 1824 tal-Kap 16

16. Illi t-**tieni aggravju** jintrabat mal-ewwel wieħed billi l-konvenuta tgħid li ma kienx sewwa li l-ewwel Qorti tefgħet fuqha l-piż li turi li l-ħwejjeġ mitluba ma kellhomx jintraddu lura;

17. Illi bl-ewwel aggravju, il-konvenuta trid li t-titolu ta' kommodat li hija għandha fuq il-fond f'tas-Sliema jitqies li jgħodd ukoll għall-ġid mobbli jew l-oġġetti li jinsabu fl-istess fond. Minħabba f'hekk, tgħid li hija ma kellhiex għalfejn iġġib prova li turi li kellha jedd iżżomm dawk il-ħwejjeġ. Fi kliem ieħor, bl-ewwel żewġ aggravji tagħha mis-sentenza appellata, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti messha stenniet lill-appellat iġib il-provi li dawk il-ħwejjeġ kellu jedd jitlobhom lura;

18. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li kienet il-konvenuta li, fit-tieni eċċezzjoni tagħha laqgħet għat-talbiet tal-atturi billi qalet li l-ħwejjeġ mitluba mill-appellat kienu f'idejha għal xi raġuni jew oħra (hija semmiet erba' raġunijiet – (a) li dawk kienu jinsabu fil-post meta ngħatalha biex tgħix fih; (b) li wħud kienu tagħha jew ingħatawlha b'rigal; (ċ) li wħud kienu nxtraw flimkien minnha u mill-appellat; u (d) li wħud kienet ġabithom magħha meta daħlet fil-post). Għalhekk, meta fl-ewwel aggravju tagħha tgħid li l-ewwel Qorti messha qieset il-ħwejjeġ mitluba bħala milquta wkoll bil-jedd tal-kommodat magħruf fil-kawża li kienet miexja ma' din, kienet l-appellanti nnifisha li ressqet 'il quddiem raġunijiet ta' "titoli" oħra għaliex kellha jedd tibqa' żżommhom. Issa hija regola magħrufa li l-parti attriċi

trid tipprova l-każ tagħha; imma meta l-parti mħarrka tressaq eċċezzjoni tal-għamla li ġabet 'il quddiem il-konvenuta, il-ħtieġa li ssostni tali eċċezzjoni taqa' fuq min qajjimha: *reus in excipiendo fit actor*. Issa kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u kif joħroġ b'mod ċar minn eżami tal-atti tal-kawża, il-konvenuta ma ġabet l-ebda prova biex issaħħaħ id-difiża tagħha f'dik l-eċċezzjoni, u għalhekk ma jistax ikun li kull ħaġa mitluba mill-appellat f'din il-kawża kienet milquta bl-għarfien tat-titolu ta' kommodat li ngħata lill-konvenuta dwar il-post li fih tgħix;

19. Illi l-appellat, min-naħa l-oħra, għamilha ċara li ma kienx qiegħed jitlob lill-konvenuta r-radd lura ta' dawk il-ħwejjeġ mixtrija minnu u li taha bħala rigali (isemmi bħala eżempju ġojjellerija, fost oħrajn), jew li kienu tagħha personali (jagħmel referenza għall-kollezzjoni tal-pupi), iżda dawk il-ħwejjeġ biss li huma personali tiegħu (bħall-kollezzjoni ta' kotba) jew li nxtraw tul iż-żmien li damu flimkien minn flusu[4]. B'sostenn ta' dan ressaq lista u kif ukoll għadd ta' riċevuti[5];

20. Illi bhala fatt jirriżulta li l-partijiet damu jgħixu flimkien għal madwar għaxar (10) snin[6], bl-appellat jitlaq mid-dar f'Lulju 2003[7]. Ħareġ ukoll li, għal xi żmien, il-konvenuta kellha negozju li għalqitu u wieħed jista' jgħid li finanzjarjament saret dipendenti fuq l-appellat tul is-snin li damu jgħixu

---

[4] Paġ. 106 sa 108 tal-atti tal-kawża Nru. 821/04AF
[5] Paġ. 70 sa 114 tal-proċess
[6] Ara x-xhieda tal-attur mogħtija fil-kontro- eżami f'paġ. 201 tal-proċess
[7] Ara x-xhieda tal-konvenuta f'paġ. 158 tal-proċess

flimkien[8]. Minn eżami tal-irċevuti u l-fatturi mressqa mill-appellant b'sostenn għat-talbiet tiegħu[9], il-Qorti tqis li l-oġġetti msemmija nxtraw fiż-żmien meta l-partijiet kienu jgħixu flimkien u l-irċevuti jsejħu kollha lill-appellat. Dawn il-fatturi ntlaqgħu mill-ewwel Qorti bħala prova tajba mressqa mill-appellat dwar dak li kien jippretendi. F'każijiet oħrajn, l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kellha tilqa' l-pretensjonijiet attriċi, l-aktar fejn dawn ma kinux maħlufa jew imsejsa bi provi tajba. Għalhekk, m'huwiex minnu dak li jingħad fit-tieni aggravju dwar fejn intefa' l-piż tal-prova ta' dak allegat. Għall-kuntrarju, din il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti ma ħelsitx lill-appellat mill-piż li jipprova kif imiss il-pretensjonijiet tiegħu u ma laqgħethomx fejn ma seħħlux jippruvahom;

21. Illi b'żieda ma' dak li jingħad fl-ewwel aggravju, il-Qorti tqis li minkejja li l-Artikolu 1825 tal-Kodiċi Ċivili ma jagħrafx bejn kommodat dwar ħaġa mobbli u ħaġa immobbli f'dak li għandu x'jaqsam ma' self għal użu, il-ħwejjeġ mobbli li setgħu jitqiesu bħala anċillari għall-fond kommodat huma dawk il-ħwejjeġ li l-fond kien mgħammar bihom meta l-konvenuta u wliedha daħlu joqogħdu fih. Jitqiesu wkoll bħala ħwejjeġ tal-appellanti, dawk l-oġġetti li setgħet ħadet magħha fil-fond u l-oġġetti li ngħatawlha bħala rigal. Iżda dawn ta' l-aħħar, kif ingħad qabel, mhumiex fost il-ħwejjeġ li l-appellat jitlob ir-radd lura tagħhom f'din il-kawża;

---

[8] Ara x-xhieda tall-attur f'paġġ. 107, 109 u 110 tal-proċess u dik ta' Joda Cassar f'paġġ. 187 u 188 tal-proċess;

[9] Paġġ. 74 sa 114 tal-proċess

22. Illi ladarba mill-atti jirriżulta li l-appellanti ma ġabet ebda prova dwar l-oġġetti li kienu jgħammru l-fond meta daħlet toqgħod fih, ma kienx jifdal għażla oħra għall-ewwel Qorti li tiċħadilha l-eċċezzjoni tagħha. Bl-istess mod rabtet idejn din il-Qorti u poġġietha f'qagħda li ma tistax tilqa' lanqas l-ewwel aggravju tagħha;

23. Illi għaldaqstant, l-ewwel żewġ aggravji mhux se jintlaqgħu;

24. Illi taħt it-**tielet aggravju**, il-konvenuta tgħid li kien jaqa' fuq l-appellat li jġib prova tal-valur attwali tal-ħwejjeġ li talab ir-radd lura tagħhom u l-ewwel Qorti ma messhiex waslet biex ġibdet valur tagħhom minn jeddha;

25. Illi l-ilment tal-konvenuta jrid jitqies fil-qafas ta' dak li ntalab u l-azzjoni mressqa mill-appellat. Il-Qorti tqis li l-appellat talab ir-radd lura ta' ħwejjeġ speċifiċi li kienu ssemmew fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni. It-talba għall-ħlas ta' kemm kienu jiswew kienet waħda sussidjarja u maħsuba biss titħaddem f'każ li l-konvenuta tonqos li troddhom lura fiż-żmien li tagħtiha l-ewwel Qorti. Huwa minnu li fit-tielet talba l-appellat talab il-ħatra ta' espert, iżda jidher li l-partijiet ma nsistewx fuq tali ħatra u l-ewwel Qorti setgħet tasal għal valur waħidha. Tqis li din il-kawża – bħall-oħra li kienet miexja magħha – twieldet fil-qafas ta' pika bejn il-partijiet

wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Għall-pika, l-ebda valutazzjoni ma hija aċċettata għaliex, tajba kemm hi tajba, tibqa' dejjem imdennsa bl-imrar ta' dak li jkun ġara u l-ebda parti ma tħoss li jkun sar ħaqq magħha;

26. Illi sabiex l-ewwel Qorti waslet għal-likwidazzjoni tal-valur tal-ħwejjeġ li sabet li kellhom jintraddu lura lill-appellat, hija qieset bosta fatturi rilevanti: fl-ewwel lok, imxiet mal-irċevuti li tressqu bħala prova mill-appellat u skartat il-pretensjonijiet dwar ħwejjeġ li ma nġabetx prova tajba tal-kisba tagħhom; fit-tieni lok, għarfet ħaġa b'ħaġa dak li kellu jintradd lura lill-appellat, u qieset it-tnaqqis fil-valur fuq uħud minnhom u l-apprezzament fil-valur fuq oħrajn tul is-snin. Għalhekk, l-ewwel Qorti wieżnet dawn iċ-ċirkostanzi fuq il-kefef ta' kull eventwalità li setgħet isseħħ f'ċirkostanzi bħal dawn. Iżda, aktar minn kollox, tqis li l-valutazzjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti ma tkunx meħtieġa jekk kemm-il darba l-konvenuta tagħżel li tħares dak lilha ordnat bis-sentenza appellata u trodd lura l-ħwejjeġ ordnati b'dik is-sentenza;

27. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tiċħad ukoll it-tielet aggravju tal-appellanti għaliex mhux mistħoqq;

28. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravji tal-appellat fl-appell inċidentali** tiegħu. Fil-qosor, fl-ewwel aggravju l-appellat jilmenta li l-

ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi billi ċaħdet u skartat bħala prova l-prospett li jinsab f'paġ. 70 tal-atti ta' din il-kawża. F'dan il-prospett, l-appellat niżżel l-oġġetti li jisħaq li huma tiegħu u qed jinżammu b'mod abbużiv mill-konvenuta. Fit-tieni aggravju, l-appellat jgħid fl-istess nifs li l-ewwel Qorti ma laqgħetx bħala prova tajba dak li ssemma fil-prospett, laqgħet it-talba tiegħu għar-radd lura tal-"kotba kollha relatati mal-professjoni tiegħu" li wkoll jirriżultaw fost l-oġġetti mniżżla fl-imsemmi prospett;

29. Illi fis-sottomissjonijiet magħmula mid-difensur tal-konvenuta waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, issemma li dawn l-aggravji ma kienu xejn aktar minn stedina biex din il-Qorti terġa' twettaq eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-provi mressqa mill-partijiet u kif ukoll tentattiv min-naħa tal-appellat biex f'din l-istanza jipprova jikseb dak li messu u naqas li jagħmel fl-ewwel istanza;

30. Illi dwar il-parti tal-aggravju fejn l-appellat jikkontesta l-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha, ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[10]. Dan mitqal, huwa minnu wkoll li

[10] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

"*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[11];

31. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravji tal-appellat. Mill-atti jirriżulta li l-appellat ħareġ Mandat ta' Deskrizzjoni Nru. 1936/2004 dwar l-effetti personali tiegħu li kienu jinsabu fil-fond li fih kien għamel żmien jgħix mal-konvenuta u li fih hija baqgħet tgħix wara li ħalla l-post[12]. Il-Mandat ġie eżegwit kif imiss u tħejjiet lista mill-Marixxal inkarigat tal-ħwejjeġ li nstabu fil-fond[13];

---

[11] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

[12] Dok. "PV1" f'paġġ. 8 sa 11tal-proċess

[13] Paġġ. 12 sa 20

32. Illi l-appellat isostni li kien hemm xi oġġetti li ma tniżżlux fil-lista għaliex ma nstabux fil-fond iżda li kien xtrahom hu tul iż-żmien li kien jgħix mal-konvenuta. B'sostenn ta' dan, ħejja prospett li miegħu ġew mehmuża sensiela ta' riċevuti li juru li kienu nxtraw minnu jew fuq ismu[14]. Jirriżulta li l-ewwel Qorti laqgħet biss bħala prova dawk il-ħwejjeġ li tagħhom ġew ippreżentati rċevuti mill-appellat u skartat il-prospett għaliex ma ġiex ikkonfermat taħt ġurament[15]. Magħhom, l-ewwel Qorti żiedet il-kotba kollha marbuta mal-professjoni tal-appellat[16];

33. Illi l-Qorti tqis li filwaqt li huwa minnu dak li jgħid l-appellat, li l-prospett ġie ppreżentat b'sostenn għax-xhieda li kien ta quddiem l-ewwel Qorti waqt is-smigħ tat-13 ta' Ottubru, 2006, fl-atti tal-kawża li kienet miexja ma' din[17], ittenni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta aċċettat biss bħala pruvat dak il-ġid li dwaru l-appellat ressaq dokumentazzjoni xierqa u ta' min joqgħod fuqha. Tasal li tifhem ukoll ir-raġuni għalfejn l-ewwel Qorti ordnat li, flimkien ma' dawk il-ħwejjeġ, il-konvenuta kellha trodd lura wkoll il-kotba marbuta mal-professjoni tal-appellat, għaliex din hija prova li l-Qorti setgħet tasal għaliha billi dawk il-kotba ma kienu bl-ebda mod jaqgħu taħt xi waħda mir-raġunijiet imsemmija mill-konvenuta fit-tieni eċċezzjoni tagħha. Imma mhux l-istess jista' jingħad għall-ħwejjeġ l-oħra, ladarba ma ssemmewx mill-Marixxal waqt l-eżekuzzjoni tal-Mandat

[14] Paġġ. 70 sa 114 tal-proċess
[15] Ara para 7 tas-sentenza appellata
[16] Ara para 8 tas-sentenza appellata
[17] Ara paġġ. 106 sa 110 tal-atti tal-kawża Nru. 821/04AF

kawtelatorju msemmi. Il-Qorti tqis ukoll li l-Marixxal ma ttellax bħala xhud biex jagħti spjegazzjoni jew jitfa' dawl fuq l-oġġetti li sab fil-fond jew x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu biex xi ħwejjeġ li kien hemm ma niżżilhomx fir-riferta, jekk dan tabilħaqq kien minnu. Lanqas ma jirriżulta li l-appellat ressaq lill-konvenuta biex tixhed dwar dawk il-ħwejjeġ imsemmija fil-prospett iżda li ma jirriżultawx fost il-lista msemmija fil-Mandat;

34. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal biex tgħid li l-appellat intebaħ li kien naqas li jwettaq il-vot li jipprova kif jixraq dak li allega u s-sentenza appellata wrietlu dak in-nuqqas. Iżżid tgħid ukoll li tqis li l-ewwel Qorti għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi fattwali li jolqtu l-każ. Fil-fehma tagħha, għaldaqstant, ma ntweriex li l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti kien wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali. Dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad l-aggravji tal-appellat fl-appell inċidentali tiegħu bħala mhux mistħoqqa;

***Deċide:***

35. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** kemm **l-appell prinċipali** kif ukoll **l-appell inċidentali**, u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata tat-22 ta' Jannar, 2015, fl-

ismijiet premessi, b'dan li ż-żmien ta' xahrejn impost fuq il-konvenuta għandu jibda miexi mil-lum; u

**Tordna** li kull parti tħallas l-**ispejjeż tal-appell** tagħha, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jitħallsu kif ordnati f'dik is-sentenza u kif ukoll dawk ordnati fil-provvediment mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2008.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm